# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru: 7**

**Ċitazzjoni Numru: 757/03 LSO**

**Melita Cable plc illum Melita plc**

**v.**

**John Borg f'ismu proprju u kif eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "Karanne Hotel"**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut John Borg mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-26 ta' Settembru 2013, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li:

(i) tilqa' l-ewwel aggravju tiegħu u tiddikjara li l-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi għal servizzi reżi kien eċċessiv u kellu jkun limitat għas-somma ta' Lm1,972 u mhux għas-somma ta' Lm3,836.86;

(ii) tilqa' t-tieni aggravju tiegħu (li l-ammont pretiż għas-set up converters mhux dovut) b'dan illi s-soċjeta` attriċi tiġi ordnata tirritornalu s-somma ta' Lm2,000 rappreżentanti depożitu li huwa ħallas fuq is-"*set top converters*", u f'każ li dan l-aggravju ma jiġix milqugħ tordna li d-depożitu msemmi jiġi applikat biex ipaċi parti mill-ammont li jiġi ordnat iħallas in konnessjoni mas-"*set top converters*", u

(iii) tilqa' t-tielet aggravju tiegħu (li l-valur tas-"*set up converters*" huwa eċċessiv).

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi appellata.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**Il-Qorti,**

"**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

"Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 25 ta' Lulju 2003 fejn esponiet: -

"Illi l-konvenut *proprio et nomine* huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm3,828.86) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz moghti mis-Socjeta` attrici ta' 'cable television' sakemm dan gie terminat fil-5 ta' Lulju 2001, kif jirrizulta mill-anness prospett markat bhala Dok 'A', u liema servizz hu regolat skont kuntratt datat 15 ta' Ottubru 1998, debitament iffirmat mill-kontendenti, anness u markat bhala Dok 'B'.

"Illi s-Socjeta` attrici effettivament ikkonsenjat lill-konvenut b'self mija u sitta u hamsin (156) *'set-top converters'* proprjeta` tas-socjeta` attrici addurata ta' 'l fuq imsemmi kuntratt, fejn il-valur ta' kull "set-top converter"

huwa ta' disgha u tmenin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm89.67) li komplessivament jammontaw ghal tlettax-il elf disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm13,988.52) Dok ‘C’.

“Illi s-Socjeta` attrici *a tenur* tal-klawsola 4.1 tal-imsemmi kuntratt (Dok ‘B’) hi awtorizzata li mat-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt tirrimwovi s-'set-top converters' izda kull darba li s-Socjeta` attrici ppruvat taghmel dan, il-konvenut *pro et noe* oppona.

“Illi ghalkemm interpellat biex ihallas dan l-ammont u *inoltre* biex jikkonsenja l-imsemmi apparat, il-konvenut *pro et noe* baqa' inadempjenti.

“Jghid ghalhekk il-konvenut *pro et noe* ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

“1. Tikkundannah ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm3,828.86) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz moghti mis-Socjeta` attrici ta' *'cable television' ai termini* ta' kuntratt datat 15 ta' Ottubru 1998 u dan kif ahjar deskritt fil-prospett markat bhala Dok ‘A’.

“2. Tikkundanna lill-konvenut *pro et noe* biex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti jikkonsenja f’kundizzjoni tajba lis-Socjeta` attrici l-mija u sitta u hamsin (156) 'set-top converters' u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' tlettax il-elf disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm13,988.52) rapprezentanti l-valur tal-imsemmi apparat.

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet minn notifika tal-ittri ufficjali datati 29 ta' Awwissu 2001 u 11 ta' Lulju 2003, kif ukoll tal-mandati kawtelatorji diga pprezentati kontra l-konvenut *pro et noe* li hu ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-19 ta’ Novembru 2003.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joe Borg datata 3 ta’ Novembru 2003 (fol 20) fejn espona: -

“Illi l-ammont mitlub bhala servizz ta' *"Cable television"* moghti mis-socjeta` attrici huwa eccessiv;

“Illi kontrarjament ghal dak indikat mis-socjeta` attrici, numru sostanzjali tas-*"set-top converters"* kienu gew irritornati lis-socjeta` attrici kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u konsegwentement l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghas-*"set-top converters"* mhux dovut;

“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-figura ndikata mis-socjeta` attrici bhala l-valur ta' kull *"set-top converter"* huwa eccessiv;

Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` attrici, hekk kif intavolati, huma nfundati fil-fatt u fid-dritt.

“Salv' eccezzjonijiet ohra.

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Melita Cable plc datata 7 ta’ Marzu 2006 a fol 138 tal-process.

“Rat in-nota responsiva ta’ sottomissjonijiet ta’ John Borg (ID 904145 M) proprio datata 16 ta’ Mejju 2006 a fol 148 tal-process.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Gunju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr. Lydia Zerafa ghall-kumpanija attrici li ddikjarat li m’ghandhiex sottomissjonijiet x’taghmel b’zieda ma’ dawk maghmulin mill-konvenuti bid-data tas-16 ta’ Mejju 2006. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2006; u l-verbali l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2013.

“Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Settembru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“B'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija, sitta u tmenin centezimu, (Lm3,828.86) bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz ta' *'cable television'* moghti lill-istess konvenut fil-lukanda "*Karanne Hotel"* f'Bugibba; kif ukoll li jigi kkundannat jikkonsenja f'kondizzjoni tajba mija u sitta u hamsin (156) '*set top converters*', jew fin-nuqqas, jhallas il-valur taghhom, ammontanti ghal tlettax-il elf, disa' mija u tmienja u tmenin lira Maltin, tnejn u hamsin centezmu (Lm13,988.52c), valur tal-imsemmi apparat.

“Il-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub huwa eccessiv u, *inoltre,* li numru ta' *set top converters* kienu gew ritornati, *oltre* li l-valur attribwit ghall-kull *set top converter* kien ukoll eccessiv.

“Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta` attrici ipprovdiet servizz ta' *cable television* lill-konvenut fil-lukanda *Karanne*, liema servizz hu regolat

b'kuntratt datat il-15 ta' Ottubru 1998[1]. Dan is-servizz gie tterminat fil-5 ta' Lulju 2001.

"Xehed **Kevin Borg,** *Operations manager* tas-socjeta` attrici[2] li afferma li l-apparat qatt ma ngabar. Kienu baghtu t-*technicians* diversi drabi u dawn ma nghatawx access ghall-kmamar hlief f'okkazzjoni minnhom meta raw li l-apparat taghhom kien qed jintuza biex jigu trasmessi programmi mis-satellita u mhux tal-Melita. Normalment il *work order* jinhareg bil-*computer,* bin-numru tat-*technician*, data u hin u t-*technician* jiffirma l-*work order.*

"Xehed **Gerald Mellish**, impjegat mas-socjeta` attrici[3] u kkonferma li kien ha hsieb jinstalla s-servizz tal-'cable television' fil-*Karanne Hotel* bejn 1998 u 1999. Gie inkarigat biex imur jigbor l-apparat fis-sena 2001 u mar xi tlett darbiet. F'zewg okkazzjonijiet ma hallewhx jidhol fil-kmamar. Fl-ahhar nehha s-sistema billi nehha l-*fuse* mill- *power supply.* Induna li kien hemm sistema differenti li giet mqabbda mas-sistema tal-Melita. Qatt ma gabar jew issostitwixxa s-*set top converters.* Il-procedura tal-Melita titlob li meta jigbru l-*converters,* jelenkaw in-numri tas-serje ta' kull *converter.*

"Xehed in **kontro ezami[4] bl-Ingliz** u spjega li jadoperaw *wizard system* ghall-ipprintjar tal-*job cards* u li kull darba l-kumpanija attrici trid tibghat *technician* lill-abbonat, il-*job card* ikun gja` imtela' bl-informazzjoni. *"In regards with the collection of 'set top converters', the work card would normally be pre-printed with specific reference to the converters which we are requested to collect. Normally the technicians will tick the converters mentioned in the job card as the process of withdrawal is taking place."* Meta mar biex jigbor is-*set top converters*, kellu *job card* lest. Kien akkompanjat minn Boban Milovanovich. Il-*work order* jigi ffirmat mill-klijent u isem ix-xhud ikun inserit fuqu ukoll. Kopja tinghata lill-klijent.

"Gie muri id-dokument esebit minn Christopher Borg a fol 56 tal-process u qal li meta *work order* ikun miktub *a mano,* tintuza formola differenti. "*Looking at this document, important information that should be there is missing".*

"Xehed **Julian Camilleri,** mill-*accounts department* tas-socjeta attrici[5] u afferma li s-servizz tal-*'cable television'* beda jinghata fil-*Karanne Hotel* fis-16 ta' Dicembru 1999 u intemm fil-5 ta' Lulju 2001 fuq talba tal-hotel stess. Fil-lukanda gew stallati 156 *set top converters* fuq zmien indikat fid-Dok. A anness mac-citazzjoni.[6] Ikkonferma l-ammont mitlub fic-citazzjoni li jirraprezenta in parti ammont dovut fuq is-servizz ta' 'cable

[1] **Dok. B.** anness mac-citazzjoni.
[2] Affidavit a fol 26 tal-process.
[3] Affidavit a fol. 27 tal-process.
[4] Seduta tal-4 ta' Novembru 2004
[5] Affidavit a fol. 28 tal-process.
[6] Esebit a fol. 5 *et seq.* tal-process.

television' u in parti ammont dovut bhala *installation charges.* Dan l-ahhar ammont ta' Lm2017.14 hu stabbilit fil-kuntratt. Mis-16 ta' Dicembru 1999 l-konvenut ghamel pagament wiehed biss ta' Lm2000 akkont fl-14 ta' Dicembru 2000. F'laqgha ma' certu Anthony Abdilla, li dak iz-zmien kien il-*General Manager* tal-*Karanne Hotel,* dan urih dokument li kien juri li numru ta' *set top converters* gew migbura. Ix-xhud qal li kien sorpris peress li dan Abdilla kien ilu jghidlu li kien lest li ihalli lill-impjegati tal-Melita Cable jigbruhom mill-hotel. *Inoltre* induna li d-dokument ma kienx redatt b'mod regolari ghaliex kien *hand written,* ma kienx iffirmat minn rapprezentant tal-Melita Cable u l-anqas kien jindika l-employee number tas-*service technician* li gabar l-apparat.

"Xehed **Simon Montanaro,** *Network Operations Manager* mas-socjeta` attrici,[7] li kkonferma l-kuntratt u l-kontenut tieghu. Iltaqa' ma' Anthony Abdilla biex jippruvaw jaslu ghall-ftehim fl-1 ta' April 2002 u f'din il-laqgha qablu li s-*set top converters* jigu ritornati. Qatt ma ssemmiet li dawn gja ingabru.

"In **kontro ezami[8]** qal li biex jigi estiz servizz f'post bhal ma huwa lukanda, ikun mehtieg illi qabel isir certu xoghol infrastrutturali bhal mghoddija ta' *cables* u adattament tas-sistema ghall-post li jkun. Il-bilanc dovut fuq il-*monthly service charge*[9] tal-lukanda ghaz-zmien dovut kien ta' Lm1,972.05. Hu ma setax jispjega d-differenza bejn dan l-ammont u dak citat fil-prospett anness bhala **Dok. A.** mac-citazzjoni izda qal li l-lukanda kellha iktar minn kont wiehed operattiv mal-kumpanija attrici. Is-socjeta` attrici zzomm sistema ta' *tracking* ghal kull *converter* biex il-movimenti jigu segwiti sakemm jergghu jintraddu lura lilhom. Cahad kategorikament li l-*converters* gew ritornati. "*Meta converter jigi mghoddi lura lil wiehed mit-technicians taghna, dan inkunu nafu bih ukoll ... Meta technician jintbaghat ghand xi abbonat, dan it-technician ikun gie moghti specifikazzjonijiet tax-xoghol li hu mistenni li jaghti.* "Qal ukoll li jekk jintbaghat *technician* biex jirtira l- *converters,* u dan ma jaghmlux, ikun hemm forma ta' dokumentazzjoni li turi jekk ghamilx dak li kellu jaghmel. Jinhareg *job card* li ikun iffirmat mill-abbonat ukoll. "*Kieku gew ritornati xi set top converters, dawn ghandhom jirrizultaw mir-records tal-kumpanija."*

"Ikkonferma li l-mudelli ta' *set top converters* kienu ghadhom jintuzaw. Il-prezz kien ta' qrib Lm46 il-wiehed. Rigward il-valur attwali taghhom qal li dan jiddependi mhux biss mill-valur tat-taghmir fih innifsu imma mic-*chip* ta' sigurta' li tigi nstallata fih peress li ma jinxtrawx direttament minn fuq is-suq imma b'kuntratt mas-*supplier* partikolari.

"Rigward id-dokument esebit minn Christopher Borg[10] qal li dan hu *work order* li, ghalkemm il-karta hija *stationery* tal-kumpanija attrici, mhuwiex normali ghaliex normalment it-taghrif *cioe*' n-numru tal-kont u l-isem tal-

---

[7] Affidavit a fol. 30 tal-process.
[8] Seduta tal-4 ta' Novembru 2004.
[9] Li jirrizulta minn DOK SM3 a fol 45-46 tal-process.
[10] Fol. 56 tal-process.

lukanda jkunu pprintjati minn qabel u ghalkemm mhux impossibbli li dan johrog *handwritten* din mhiex procedura normali. Fejn ma jkun hemmx hlas, il-kumpanija attrici ma jkollha l-ebda firma imma tkun nizlet fl-istess *work order* l-*index number* jew in-numru ta' riferenza tat-*technician* li normalment jitnizzel fil-kaxxa ta' fuq, fuq in-naha tax-xellug, hdejn il-parti fejn jinghad *reassigned 2. ... Gieli jinhargu diversi work orders skont il-kwantita` tal-converters u jitqiesu bhala 'work order' wiehed, u gieli jinhareg 'work order' wiehed fejn mieghu jkun hemm 'attachments' bit-taghrif tan-numru ta' serje partikolari ta' kull 'converter' mehmuzin mieghu. ... . Dejjem b'riferenza ghad-dokument ex-pagna 56 tal-process, jien nghid li hemm taghrif nieqes u dan jikkonsisti fil-fatt li ghalkemm jissemmew 150 converter, suppost il-work order kienet issemmi n-numru partikolari, 'serial number', ta' kull wiehed minnhom. "*Anke jekk il-karta tkun mehmuza mal-*work order,* xorta jkun hemm riferenza fuq l-istess *work order* ghal fatt li hemm karta mehmuza.

"Xehed **Marius Mckeon** impjegat mas-socjeta` attrici,[11] u spjega li kull rata tal-*Melita Cable* hi approvata mill-*Malta Communications Authority* (MCA). Ic-*charge* applikat mis-socjeta` attrici ghall-*set top converter* mhux ritornat jew imkisser kien ta' Lm75 u wara li gie rivedut, dejjem bl-approvazzjoni tal-MCA u tal-*Office for Fair Copetition* ghal Lm89.67 wara l-1 ta' Jannar 1999 (**Dok. MM1).[12]**

"Xehed **Christopher Borg[13]** bin l-konvenut u qabel li s-servizz intemm fis-sena 2001. Il-*converters* kienu nqalghu u tpoggew f'mahzen peress li kienu ghaddejjin trattattivi bejn is-socjeta` attrici u Anthony Abdilla ghan-nom tal-Lukanda dwar pendenzi bejniethom. Dawn baqghu magazzinati ghal xi sentejn izda ghall- habta ta' Marzu 2003 rapprezentanti mis-socjeta` attrici gabru l-*converters. "Kienu gew tnejn min-nies tal-Melita Cable p.l.c. go Van Transit filghodu u kont ftaht il-kamra li kienet qed isservi bhala mahzen jien stess. Tellghu l-converters fuq trolley li provvdejtilhom jien, hadu nota taghhom u tawni karta (Works Order)[14]u talbuni nikteb il-karta tal-identita tieghi u niffirmaha. Jien hekk ghamilt ... il-kitba l-ohra mhix tieghu ... kienu hadu wkoll borza bil-plugs u electrical leads".*

"In **kontro ezami** qal li kien fadal mill-*converters* fil-lukanda f'xi zewg sulari – cioe` mhux *converters* imma *transformers* kbar. Iz-zewg rapprezentanti li gew mill-Melita kienu liebsin flok u kellhom "*xi Melita, ma nafx ezatt, naf illi kien hemm Melita b'van Transit tal-Melita. "*Id-dokument esebit a fol 56 huwa l-ircevuta li tawh tal-152 *converter.* Ma hadux dettalji tal-*converters* li gabru - ghaddewhom biss.

"Qal li meta kienu jigbru xi *converters* u jbiddluhom, ir-rapprezentant kien jiffirmalu ghaliex ikunu nbidlu n-numru. Liz-zewg persuni li gew jigbru l-

[11] Affidavit a fol.52 tal-process.
[12] Esebit a fol. 53 tal-process.
[13] Affidavit a fol. 55 tal-process.
[14] **Dok. 'X'** anness mal-affidavit u esebit a fol. 56 tal-process.

152 *converters,* la talabhom isimhom, u lanqas il-firma. Kien responsabbli tal-magazinagg taghhom u tahomlhom ghax ra l-van u l-uniformi. Qaghad fuq dak li ra.

"Xehed **Tony Abdilla**[15] u qal li l-lukanda *Karanne* laqghet l-ewwel nies f'April 2000 u anke dak iz-zmien il-bini f'xi taqsimiet tal-lukanda kien ghadu ghaddej. Kien sar ftehim rigward l-installazzjoni li s-sistema jigi stallat b'mod li jekk tinqala' l-htiega li s-servizz tal-*cable* ma jibqax jigi utilizzat, il-lukanda tkun lestiet infrastruttura biex taqleb dan is-servizz ghall-uzu tas-satellita. Rigward l-*installation charge* kien sar ftehim fis-sens li l-lukanda terfa' l-ispiza tal-installazzjoni tas-servizz ladarba dan kien ser jibqa' fil-lukanda, anke jekk jintemm, pero` nofs il-valur tal-installazzjoni l-lukanda tpacih bl-ghoti tas-servizz u ghamel riferenza ghall-ittra tas-26 ta' Awwissu 1998 esebit bhala **DOK AA1**[16]. "*Is-servizzi li kienu mahsuba li jpacu nofs l-ammont ta' l-installazzjoni kienu jikkonsistu fl-estensjoni ta' servizzi li l-kukanda kienet taghti, jigifieri bhal ikliet u akkomodazzjoni a beneficcju ta' l-istess kumpanija attrici.*[17]"

"Skont ix-xhud, meta ghall-habta ta' Lulju 2001 talbu biex jintemm is-servizz, Simon Montanaro ried li l-*fittings* tas-sistema jitnehhew. Gibidlu l-attenzjoni ghall-ftehim li kellhom meta s-sistema kien gie stallat izda xorta gew irtirati l-*fittings.* B'konsegwenza li l-lukanda kellha tidhol fi spejjez ta' xiri ta' *fittings* li ma kienux mahsuba fil-ftehim originali. B'hekk ix-xhud ta struzzjonijiet biex ma jigux irtirati s-*set top converters* sakemm jaslu ghall-ftehim. Il-*fittings* tal-kumpanija attrici baqghu fil-lukanda. Ikkonferma li saret laqgha fl-April 2002 izda ma sarx ftehim. *"Sadanittant il converters kienu fl-istore gol lukanda. … izda ghall-habta ta' April 2003 gejt mgharraf minn Chris Borg li gew ritornati lill-kumpannija attrici. Jien sirt naf b'dan f'Lulju 2003. "*Hu qal li kienet il-fehma tieghu li jigu ritornati minhabba l-ispazju li kienu qed jokkupaw.

"Xehed **Stephen Busuttil,**[18] *credit controller* mas-socjeta` attrici li afferma li l-*converters* ma gewx ritornati lura. Esebixxa *work order*[19]. Hu spjega l-procedura li tigi adoperata mill-kumpannija *Melita* meta jingabru *converters* - li tinvolvi *technician* u xi hadd mid-dipartiment ta' *credit control "biex jiehu nota tan-numri ta' serje tal-converters".* Din issir bi *print out* mill-*computer* bid-*decoder numbers* kollha fuqha. **Dok SBA** huwa ezempu ta' dan. Ikun hemm il-firma ta' rapprezentant mill-kumpanija attrici fuq il-*work order* u meta jingabar *converter* jigi ttikkjat minn fuq il-lista biex issir *tally*. Muri d-dokument esebit minn Christopher Borg a fol. 56 tal-process, hu kkonferma dak li ntqal mix-xhieda l-ohra prodotti mis-socjeta` attrici li dan id-dokument hu nieqes mill-firma tal-impjegat taghhom u mill-lista tal-150 *converter.* Ma kienx johrog dan id-dokument mill-ufficju ghall-gbir tan-numru nvolut ta' *converters.*

---

[15] Seduta tal-4 ta' Novembru 2004.
[16] Fol. 60 tal-process.
[17] Xhieda a fol. 78 tal-process.
[18] Xhieda fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2005
[19] **Dok. SBA a fol. 85 tal-process.**

"Rigward wiehed mill-*converters* li nghata lill-lukanda *Karanne*, qal li cemplulu l-Pulizija ghaliex sabu *converter* iccipjat f'residenza ta' terzi u kellu jindika jekk kienx wiehed minn taghhom mid-*decoder number.*

"Mistoqsi biex jispjega d-diskrepanza bejn l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali u dak mitlub fic-citazzjoni spjega li t-tieni prezz kien inqas ghaliex ipprova jirrangaw mal-konvenut. Rigward id-diskrepanza fin-numru ta' *converters,* spjegah ukoll li tirrisolvi ruhha *f'human error* ghaliex hargu *print out* mill-computer biss, li tiehu 102 numru, u mhux lista kompluta. Ikkonferma li n-numru dovut hu ta' 156.

"Hu xehed li f'Marzu u April 2003 kien ghadu fil-*credit control department* u kien involut hu mal-lukanda *Karanne*. Ikkonferma li l-*converter number* ikun ipprintjat lest biex ma jkunx hemm il-possibilita' li l-lista tigi manumessa. Biex *work order* tohrog *handwritten* m'ghandhiex tkun tinvolvi transazzjonijiet ta' *cash* jew *equipment* li, sahaq ix-xhud, huma *assets* tal-kumpanija u jenhtieg li jkun hemm *audit trail* dwarhom.

"**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

"Indubbjament il-partijiet huma vinkolati permezz tal-kuntratt iffirmat minnhom datat il-15 ta' Ottubru 1998 (**Dok. B.** anness mac-citazzjoni).

"Kif gie ribadit fis-sentenza moghtija fil-5 ta' Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Beacon vs Spiteri Staines"**-*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata – pacta sunt servanda. "* Dan il-principju hu wkoll sancit fl-artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta skont liema artikolu, il-kuntratti maghmulin skont il-ligi ghandhom is-sahha ta' ligi bejn il-partijiet.

"Il-principji li jirregolaw l-interpretazzjoni ta' kuntratt huma wkoll assodati fil-gurisprudenza taghna. Ara per ezempju **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. ( RCP) - 30 ta' Novembru 2000) fejn gie ribadut li "*Il-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16**, fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skont l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **(Ara wkoll "Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A.C. 30 ta' Marzu 1997).

"Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha **- "Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*" -** A.C. 28 ta' Frar 1997; **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati" -** P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002.

“Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrisolvi ruhha f'wahda ta' apprezzament ta' provi. Il-partijiet huma konkordi li dan il-ftehim jirregola r-relazzjonijiet guridici taghhom.

“Skont dan il-ftehim is-socjeta` attrici ntrabtet li tinstalla u tipprovdi servizz ta' *cable television* fil-lukanda *Karanne* f'Bugibba, li tieghu, l-konvenut huwa s-sid. Hekk sar u s-servizz intemm f'Lulju 2001, (fatt mhux ikkontestat bejn il-partijiet), fuq talba ta' l-istess konvenut. Ma nqalghet ebda kwistjoni dwar il-kwalita' ta' servizz u ma jirrizulta minn imkien li kien hemm xi nuqqas jew karenza da parti tas-socjeta` attrici.

“Skont kif imfisser fil-klawsola 4.1. "*The equipment installed by Melita will remain the property of Melita ... Upon termination of this agreement, Melita will remove its equipment.”*

“Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont ta' €8918.84 (gja Lm3828.86) bhala "*bilanc dovut in konnessjoni mas-servizz moghti mis-socjeta` attrici.”*

“Hi esebiet prospett li jelenka s-servizzi moghtija mis-16 ta' Dicembru 1999 sakemm intemm is-servizz[20]. Is-socjeta` konvenuta eccepiet li dan l-ammont hu eccessiv u *tramite* ix-xhieda ta' Tony Abdilla[21], stqarret li l-lukanda bdiet topera fis-sena 2000. Izda kif jirrizulta mix-xhieda ta' **Simon Montanaro** fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2004 ikun mehtieg illi qabel ma jibda s-servizz, isir certu xoghol infrastrutturali fuq il-post.

“Aparti dan il-punt, il-konvenut ghamel distinzjoni bejn spejjez ghas-servizzi moghtija, u dawk ghall-istallazzjoni tas-servizz. Difatti jirrizulta li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ma jkoprix biss is-*service charge*, imma anke spejjez ghall-istallazzjoni (prospett **DOK A)** fl-ammont ta’ Lm2,017.14. Mhuwiex ikkontestat li l-konvenut hallas Lm2,000 akkont fuq dan il-prospett, u mhuwiex qed jikkontesta l-ammont ta' Lm1972.05 spejjez tas-servizz. Li l-ammont mitlub fic-citazzjoni jinkludi wkoll l-ispejjez ta' istallazzjoni hu kkonfermat minn **Simon Montanaro,[22] Julian Camilleri[23]** u **Marius Mckeon[24].**

“Il-Qorti tirravisa li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammont shih pretiz *per se* fic-citazzjoni. Il-konvenut, izda, jsostni li t-talba attrici hija eccessiva peress li m'ghandhiex tinkludi l-*installation charge.* Hu jghid li kien sar ftehim bejniethom dwar il-hlas tal-*installation charge* skont kif jirrizulta minn ittra ffirmata minn Simon Montanaro datata is-26 ta' Awwissu 1998. Skont din l-ittra[25] nofs il-valur ta' l-installazzjoni l-lukanda kellha tpacih bl-ghoti ta' servizzi *in kind*.

---

[20] **Dok. A.** a fol. 5 tal-process.
[21] Seduta tal 4 ta' Novembru 2000
[22] Seduta tal-4 ta' Novembru 2004 riferibbilment ghal-Dok. SM3 a fol 45-46 tal-process
[23] Vide l-affidavit tieghu **Dok. MC3 a fol. 28**
[24] Affidavit a fol. 52
[25] **Dok. AA1** a fol. 60 tal-process.

"Fir-rigward tal-punt sollevat mill-konvenut dwar ftehim imfisser fid-**Dok AA1,** s-socjeta` attrici tajjeb tosserva li d-data ta' l-ittra imsemmija hija <u>antecedenti</u> ghall-kuntratt redatt bejn il-partijiet u li din tirrifletti biss negozjati li eventwalment gew superati bil-ftehim redatt bil-miktub bejn il-kontendenti. Anke minn semplici qari ta' din l-ittra jirrizulta li l-partijiet kienu ghadhom fl-istadju ta' trattattivi u l-kontenut kien semplicement tressqu bhala proposti. Ma jirrizultax li gew konkretizzati fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u ghalhekk, ma jista' jinghata ebda piz bl-applikazzjoni tal-principji legali fuq riferiti.

"Huwa minnu li anke fir-rigward tas-somma mitluba, hemm diskrepanza mal-ammont akbar li jirrizulta mill-ittra interpellatorja tal-11 ta' Lulju 2003 mibghuta mis-socjeta` attrici[26]. L-ammont ta' Lm3828.86, mertu tat-talba odjerna, gie kkonfermat minn Marius Mckeon u minn Julian Camilleri, *financial controller* u *supervisor* fil-*credit control section* tas-socjeta` attrici rispettivament u spjegat fil-prospett dettaljat **Dok.A.** Stephen Busuttil, *credit controller*, spjega wkoll li l-ammont kien imnaqqas waqt it-trattativi li kienu qed isiru bejn il-partijiet wara li ntemm is-servizz.

"Fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` attrici ppruvat li l-ammont ta' ta' **€8,918.84** huwa dovut lilha mill-konvenut.

"***Set Top Converters***

"Is-socjeta` attrici qed titlob ir-ritorn ta' 156 *set top converters,* jew fin-nuqqas, li tithallas tal-valur taghhom. Dawn il-156 *converters* huma elenkati dettaljatament bin-numri ta' serje taghhom fid-dokument C anness mac-citazzjoni bl-indikazzjoni tad-dati rispettivi ta' stallazzjoni li jikkombacjaw mal-perjodu mertu ta' din il-kawza.

"Is-socjeta` konvenuta qed tichad bil-qawwa din il-pretensjoni u ssostni li dawn il-*converters* gew ritornati.

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-*onus probandi* jinkombi fuq il-konvenut biex iressaq il-prova sal-grad rikjest mil-Ligi li dawn il-*converters* gew ritornati lis-socjeta` attrici. Skont il-kuntratt vigenti bejn il-partijiet, kien imfisser fi kliem car u inekwivocu li l-apparat installat jibqa' proprjeta' tal-*Melita* li ghandha il-jedd li tigbor dan l-appart malli jintemm il-ftehim.[27]

"In sostenn tat-tezi tieghu, l-konvenut ressaq lil ibnu, **Christopher Borg** li xehed b'affidavit u anke in kontro-ezami. Dan kien responsabbli ghall-magazinagg tal-apparat, li tnehha mill-lukanda u tpogga f'mahzen fejn inzamm minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta` attrici, ghal sentejn. Christopher Borg xehed li ghall-habta ta' Marzu 2003 rapprezentanti mis-socjeta` attrici gabru l-*converters.* Hu lanqas kien talabhom isimhom u

[26] **Dok. SM4** a fol. 61 tal-process.
[27] Klawsola 4. 1.

ma ffirmawlu ebda inkartament. Kull ma jaf hu li kienu libsin uniformi u gew b'van tal-*Melita.*

“Izda l-Qorti gja ssibha difficli biex taccetta li persuna li kien responsabbli ghall-magazinagg tal-apparat u li kien qed jikkustodixxi proprjeta` ta' haddiehor, ikun kuntent li jikkonsenja tali apparat lill-persuna/persuni minghajr ma jitlobhom xi identifikazzjoni, u jesigi ircevuta. Iktar u iktar meta gabru mhux *converter* wiehed jew tnejn, imma mal- 150. Difatti in kontro ezami ammetta li meta kienu f'okkazzjoni ohra, gew rapprezentanti tal-*Melita Cable* waqt il-kors tal-kuntratt, biex jissostitwixxu xi *converters*, dawn kienu ffirmaw ghalihom meta gabruhom.

“Hu esebixxa dokument a fol. 56 tal-process li huwa l-uniku dokument li kellu x'juri bhala prova tat-tehid tal-*converters.* Dan id-dokument huwa *handwritten,* u jindika biss l-informazzjoni "*150 converters + 96 remotes returned"* u l-isem tal-Hotel. Il-firma fuq dan id-dokument hija ta' Christopher Borg stess.

“Izda mkien m’hemm firma tat-*technician* u nformazzjoni dwar in-numri ta' serje tal-*converters*. Dawn huma assi tal-kumpanija u ghalhekk il-procedura tiffacilita t-traccar taghhom.

“Dan id-dokument gie ezaminat mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici li <u>kollha</u> kienu unanimi meta kkonkludew li dan id-dokument hu monk fid-dettalji essenzjali tieghu. Huma ddeskrivew l-procedura li taddotta l-kumpanija attrici meta tirtira l-apparat taghha. Normalment il-*work order* jinhareg bil-*computer,* u ma jkunx *handwritten,* bin-numru tat-*technician*, data u hin, u t-*technician* jiffirma l-*work order*[28] b'rizultat li d-dokument muri minn Christopher Borg, ghalkemm fuq *stationery* tal-kumpanija, ma kienx redatt kif normalment isir skont il-*policy* tal-istess kumpanija.

“Skont il-procedura, jigu elenkati n-numri tas-serje ta' kull *converter* u t-*technician* jittikkja hdejn kull numru waqt il-process ta' gbir tal-apparat. *(*Xhieda ta' Gerald Mellish u Simon Montanaro). Kif spjega Simon Montanaro, meta n-numri tal-apparat ma jkunux jistghu jigu elenkati fil-*work order,* jiddahhlu f'lista li tigi pprintjata u mehmuza mad-dokument, u jkun hemm riferenza ghalih fl-istess *work order.* Skont Stephen Busuttil, l-elenkar tan-numri tas-serje jsir bil-*computer* qabel ma jmur it-*technician* biex dan ma jigix manumess. *Inoltre* d-dokument a fol. 56 lanqas jindika l-*employee number* tas-*service technician* li gabar l-apparat (Xhieda ta' Julian Camilleri). Anke fejn m’hemmx hlas, tkun tnizzlet fl-istess *work order* l-*index number* jew in-numru ta' riferenza tat-*technician* (Xhieda ta' *Simon Montanaro).* Dan l-istess xhud kien kategoriku meta qal li jekk gew ritornati dawn ghandhom "*jirrizultaw mir-records tal-kumpanija.”*

“Izda l-akbar kontradizzjoni tohrog bejn ix-xhieda ta' Christopher Borg u dik ta' Tony Abdilla, xhud tal-istess konvenut. Abdilla xehed li sar jaf li l-

[28] Ara Xhieda ta' **Kevin Borg**

*converters* gew ritornati f'Lulju 2003[29], filwaqt li Christopher Borg xehed in kontro ezami[30] li kien l-istess Tony Abdilla li qallu u tah istruzzjonijiet biex icempel lill-Melita biex jigu jigbru l-apparat (f'Marzu/April 2003). Id-difensur tas-socjeta` attrici gustament jistaqsi kif allura Christopher Borg jghid li kien Tony Abdilla li awtorizzah biex jirritorna l-apparat meta skont l-istess Tony Abdilla, dan lanqas kien jaf li l-apparat kien gie ritornat.

"Mill-assjem tal-provi prodotti, il-Qorti mhix konvinta mill-veracita' tat-tezi tal-konvenut. Il-procedura addottata mis-socjeta` attrici ghall-gbir tal-apparat taghha hija spjegata mid-diversi mpjegati taghha b'mod konsistenti u uniformi. Hija verosimili in kwantu li hu mistenni li kumpanija tiehu mizuri necessarji biex tintraccja l-apparat taghha u tizgura li jkun hemm sistema ta' kontabilita' meta jingabar apparat kostuz.

"Il-konvenut, da parti tieghu, ma pprovdiex dokument idoneu li jikkonferma sal-grad rikjest mil-ligi, r-rilaxx/konsenja tal-apparat lill-rapprezentanti tal-*Melita*. Minghajr l-isem u l-firma ta' rapprezentant tal-*Melita,* dan id-dokument certament ma jistax jitqies bhala rcevuta tal-konsenja. *Inoltre,* x-xhieda ta' Christopher Borg mhux biss mhuwiex ikkorroborat b'dan id-dokument, imma huwa kontradett mix-xhieda ta' Tony Abdilla kif fuq spjegat.

"Il-konvenut ikkontesta wkoll in-numru ta' *converters* b'riferenza ghall-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 2003[31] li issemmi 102 *converters.* Il-valur ta' kull *converter* gie kkonfermat minn Marius Mckeon b'riferenza ghal Dok MM1 fl-ammont mitlub ta' Lm89.67 inkluz it-taxxa dovuta. In-numru tal-*converters* johrog mid-dokument C a fol 12 et seq. datat l-20 ta' Gunju 2003 tal-process kif sostnut b'dettalji dwar in-numru tas-serje ta' kull wiehed.

"Il-Qorti ssibha difficli temmen li l-konvenut ma zamm ebda *record* tal-*converters* stallati, specjalment meta ddecieda li jnehhihom mill-lukanda u jpoggihom f'mahzen peress li ma kienux lahqu ftehim. Difatti l-konvenut strah biss fuq id-diskrepanza bejn l-ammont imsemmi fic-citazzjoni u dak indikat f'ittra ufficjali minghajr ma pproduca ebda inventarju tal-apparat li kien qala' minghajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarju. Skont il-ftehim bejn il-partijiet, kien previst li jigu installati 158 *converters* (ghal 158 kamra) (fol 11 tal-process) u ma jirrizultax li s-socjeta` attrici twaqqfet milli tadempixxi l-obbligazzjoijiet kontrattwali taghha.

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li t-talbiet attrici ghall-konsenja ta' 156 *converters* jew tal-valur taghhom fl-ammont ta' €32,584.48 (gja Lm13988.52) huma fondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha salv li l-ammont pagabbli ghandu jkun tal-valur ta' kull

[29] Seduta tal-4 ta' Novembru 2004 a fol 81 tal-process.
[30] Seduta tat-18 ta' Jannar 2006
[31] Dok. SM4 a fol. 61 tal-process.

*converter* li ma jigix ikkonsenjat u cioe` ta' €208.87 (gja Lm89.67) il-wiehed u mhux ammont globali f'kaz li jigu ritornati *in parte.*

"**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal- konvenut, **tilqa' it- talbiet attrici, u cioe':**

"1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmient elef, disa' mija u tmintax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€8,918.84).

"2. **Tilqa' it-tieni talba** fis-sens li tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien hmistax-il gurnata millum jikkonsenja f'kondizzjoni tajba lis-socjeta` attrici, mija u sitta u hamsin (156) *set top converters* li jinsabu elenkati fid-dokument immarkat bhal **Dok.C a fol.12 sa 15** tal-process, u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmien ewro u sebgha u tmenin centezmu (€208.87) ghal kull *set top converter* li l-konvenut jonqos li jikkonsenja lis-socjeta` attrici.

"Bl-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-ammont dovuti mid-data tan-notifika tal-ittri ufficjali datati 29 ta' Awwissu 2001 u 11 ta' Lulju 2003 rispettivament.

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut."

## <u>Rikors tal-appell tal-konvenut John Borg (16.10.2013):</u>

3. Il-konvenut appellant ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interpona l-appell odjern minnha. Huwa jilmenta li l-ewwel qorti għamlet <u>apprezzament ħażin</u> tal-fatti u tal-provi li ġew prodotti tul il-kors tal-kawża.

(i) <u>L-ewwel aggravju</u>: *l-ammont ta' Lm3,828 mitlub għas-servizz ta' cable mogħti mis-soċjeta` attriċi huwa wieħed eċċessiv*

Dan l-aggravju huwa imsejjes fuq żewġ binarji.

Fl-ewwel lok il-konvenut appellant, wara li jaċċenna għall-fatt li s-somma ta' Lm3,828.86 mitluba mis-soċjeta` attriċi tirrappreżenta <u>in parti</u> bilanċ tal-ammont dovut għas-servizz u <u>in parti</u> għall-"*installation charges*", jargumenta li skont id-diċitura ta' kif ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni, it-talba kienet qed issir biss fuq is-somma dovuta għas-servizz u mhux ukoll għall-"*installation charges*".

Fit-tieni lok jgħid li għalkemm ma jikkontestax l-ammont mitlub in linea ta' ħlas dovut għas-servizz, huwa jikkontesta l-ammont mitlub in linea ta' "*installation charges*" u jsostni li kien hemm ftehim dwar kif kellhom jitħallsu tali "*charges*".

*(ii)* <u>It-tieni aggravju</u>: *L-ammont ta' Lm13,988.52 mitlub fir-rigward ta' 156 "set top converters" mhux dovut*

Fl-ewwel lok il-konvenut appellant isostni li l-ewwel qorti kellha taċċetta l-verżjoni tiegħu li 152 (mill-156) "*set top converters*" kienu fil-fatt ġew ritornati. Isostni li Dok X, (a fol 56) għandu jitqies bħala riċevuta li huwa fil-fatt irritorna 152 "*set top converters*" lill-impjegati tas-soċjeta` attriċi.

Jargumenta li anke jekk tali dokument (*works order*) fih dettalji neqsin, u ma ġiex redatt bil-mod kif suppost kellu jiġi redatt, jibqa' l-fatt li dan inkiteb mill-impjegat fuq stationery tas-soċjeta` attriċi, u jsaqsi: kif seta' spiċċa għandu tali dokument jekk mhux permezz tal-impjegati tas-soċjeta` attriċi?

Jargumenta wkoll li kuntrarjament għall-kumment tal-ewwel qorti, ix-xiehda ta' Tony Abdilla (li kien *accountant* tal-lukanda Karanne) ma tikkontradixxix il-verżjoni ta' Christopher Borg (bin il-konvenut) li kien il-persuna li irritorna l-apparat lill-impjegati tas-soċjeta` attriċi.

Fit-tieni lok jgħid li in oltre kien laħaq ħallas depożitu ta' Lm2,000 fuq is-"*set top converters*" u allura jekk din il-qorti tilqa' dan l-aggravju tiegħu tali ammont għandu jitħallas lura lilu, filwaqt li jekk din il-qorti tiċħad tali aggravju tiegħu, tali ammont għandu jiġi paċut mill-ammont li jista' jiġi kkundannat iħallas.

*(iii)* <u>It-tielet aggravju</u> – *il-valur ta' kull "set top converter" (Lm89.67) huwa eċċessiv*

Jargumenta li hemm avarija bejn dak li xehdu r-rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi fir-rigward tal-valur tas-"*set top converters*", u dan għaliex filwaqt li Marius McKeon qal li ċ-charge ta' kull converter li jitkisser jew ma jiġix ritornat kien ta' Lm75, u li imbagħad il-valur ġie rivedut għal Lm89.67, Simon Montanato xehed li l-prezz tagħhom

kien ta’ Lm46.

**Risposta tal-appell tas-soċjeta` attriċi appellata**

4. Is-soċjeta` attriċi appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata fit-totalita` tagħha. Hija wieġbet għal kull wieħed mill-aggravji tal-konvenut appellat.

(i) Dwar l-ewwel aggravju

Fir-rigward tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, s-soċjeta` attriċi appellata ssostni li t-talba hija ċara fis-sens li din tirrigwarda mhux biss il-ħlas għas-servizz mensili, iżda wkoll il-ħlas tal-“*installation charges*”. Tikkummenta li l-prospett (Dok A) anness maċ-ċitazzjoni jindika biċ-ċar li t-talba hija fir-rigward tas-servizz u tal-istallazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, s-soċjeta` attriċi appellata ssostni li kwalsiasi negozjati li kienu qegħdin jiġu discussi bejn il-partijiet fir-rigward tal-“*installation charges*” ġew superati bil-kuntratt innifsu tal-15 ta’ Ottubru 1998.

(ii) Dwar it-tieni aggravju

Fir-rigward tat-tieni aggravju, s-soċjeta` attriċi appellata ssostni li s-“*set top converters*” qatt ma ġew ritornati lilha. Taċċenna għax-xiehda ta’ rappreżentanti tagħha li kollha qablu li Dok X ma tirrispettax is-sistema speċifika li tiġi addottata meta technician imur biex jiġbor l-apparat mingħand klijent. In oltre targumenta li x-xiehda ta’ Christopher Borg u ta’ Tony Abdilla in kwantu tirrigwarda r-ritorn ta’ dan l-apparat hija kontradittorja.

Dwar id-depożitu ta’ Lm2,000 li jissemma mill-konvenut appellant, targumenta li tali kwistjoni ma jistax titqajjem f’dan l-istadju, meta qatt ma ssemmiet qabel u lanqas hemm prova in atti dwarha. Tikkummenta li l-konvenut kellu kull opportunita` jressaq kontro-talba f’dan is-sens, jew għal menu jqajjem dan il-punt fl-eċċezzjonijiet tiegħu.

(iii) Dwar it-tielet aggravju

Fir-rigward tat-tielet aggravju, s-soċjeta` attriċi appellata ssostni li l-ewwel qorti kienet korretta meta ħadet l-ammont ta' Lm89,67 bħala l-valur ta' kull "*set top converter*" u dan għaliex ibbażat ruħha fuq ix-xiehda ta' Marius McKeon li wera kif il-valur tagħhom kien ġie approvat mill-*Malta Communications Authority* kont il-liċenzja li ħarġitilha.

**Sfond:**

5. Fil-15 ta' Ottubru 1998[32] sar ftehim bejn is-soċjeta` Melita Cable plc u John Borg f'isem il-lukanda Karanne Hotel ("*for and on behalf of Karanne Hotel*") rigwardanti l-provvediment ta' servizz ta' *cable television* fil-lukanda Karanne Hotel. Il-ftehim kien wieħed għal ħames (5) snin għalkemm l-abbonat (cioe` l-lukanda) kellha d-dritt tittermina l-kuntratt anke qabel tali data (para. 7.1). Waħda mill-kundizzjonijiet fl-imsemmi ftehim kienet li l-apparat installat in konnessjoni mas-servizz ta' *cable television* jibqa' proprjeta` tas-soċjeta` attriċi, u li kemm-il darba jiġi tterminat il-ftehim, "*Melita will remove its equipment*". Il-ftehim fil-fatt ġie terminat fil-5 ta' Lulju 2001, u l-kawża odjerna ġiet intavolata kontra John Borg "*f'ismu proprju u kif eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Karanne Hotel'*" (i) għall-bilanċ dovut in konnessjoni mas-serviżż, u (ii) għar-ritorn ta' apparat (konsistenti f'156 *set top converters*), u fin-nuqqas għall-valur ta' tali *converters.* Minkejja li John Borg personalment ma kienx abbonat tas-servizz, mhux talli ma tqajmet l-ebda eċċezzjoni da parti tiegħu fis-sens li huwa personalment mhux il-leġittimu

[32] Ftehim Dok B, fol 6-11

kontradittur, talli l-eċċezzjonijiet fil-fatt ġew ippreżentati minnu personalment.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

L-aggravji tal-konvenut appellant jirrigwardaw l-apprezzament (allegatament) ħazin tal-provi li għamlet l-ewwel qorti. Huwa prinċipju ormai assodat fil-ġurisprudenza nostrana li l-Qorti tal-Appell, bħala qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun twettaq mill-ġudikant fil-prim'istanza. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li tkun tista' tikkorreġi inġustizzja manifesta. Kif infatti qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li *Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.* Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001).

6. F'dan il-każ odjern hija fliet bir-reqqa l-provi miġbura sabiex tara jekk

tikkondividix il-konklużjonijet li waslet għalihom l-ewwel Qorti.

L-ewwel aggravju

7. Il-konvenut jibda biex jargumenta li skont id-diċitura ta' kif ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni, it-talba tas-soċjeta` attriċi tirreferi unikament għas-somma tas-servizz u mhux ukoll għall-"*installation charges*." Dan l-argument huwa kompletament infondat.

8. L-ewwel talba taqra hekk:

> "*Tikkundannah iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tlett elef, tmin mija u tmienja u għoxrin lira Maltin u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm3,828.86) rappreżentani bilanċ dovut* ***in konnessjoni ma' servizz mogħti mis-soċjeta` attriċi ta' "cable television"*** *ai termini tal-kuntratt datat 15 ta' Ottubru 1998, u dan kif aħjar deskritt fil-prospett markat bħala Dok A*." **(enfasi ta' din il-qorti)**

9. Il-frażi "*in konnessjoni ma' servizz mogħti mis-soċjeta` attriċi ta' cable television*", tfisser li l-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi jirrappreżenta l-bilanċ dovut mill-konvenut in konnessi mas-servizz u allura mhux limitat għall-kontijiet mensili biss kif qed jargumenta l-konvenut. Għalhekk jiġi li t-talba kif imposta tikkomprendi l-ispejjeż tal-installazzjoni u mhux teskludihom. In oltre r-riferenza fit-talba nfisha għall-prospett Dok A, ma jħalli l-lok għal ebda dubju f'dan ir-rigward. Dan għaliex id-Dok A, li huwa *statement* datat 20 ta' Ġunju 2003 jelenka fih mhux biss il-kontijiet mensili tas-servizz tal-*cable television*, iżda wkoll l-"*installation charges*" fl-ammont ta'

Lm2,017.14.

10. Issa filwaqt li l-konvenut jgħid li mhux qed jikkontesta l-ammont mitlub bħala bilanċ għas-servizz ta' *cable television* provdut mis-soċjeta` attriċi, huwa invece jikkontesta l-ammont mitlub għall-"*installation charges*" in kwantu kien hemm ftehim fis-sens li nofs il-valur tal-istallazzjoni kellu jiġi paċut mil-lukanda bl-għoti ta' servizzi.

11. L-ewwel qorti kienet qieset l-ittra datata 26 ta' Awwissu 1998 (Dok AA1)[33] mibgħuta mis-soċjeta` attriċi lil Karanne Hotel, meta l-partijiet kienu għadhom ma kkonkludew l-ebda ftehim bejniethom u kienu għadhom fl-istadju ta' negozjati u proposti. Is-soċjeta` attriċi f'din l-ittra kienet ipproponiet hekk:

> "*Construction/installation charge Lm2,057.14. Melita is willing to make an exchange of services whereby 50% of the construction/installation charge would be repaid through the hotel's services…..*"

12. L-ewwel qorti pero` kienet osservat li din l-ittra hija **anteċedenti** għall-ftehim tal-15 ta' Ottubru 1998 redatt bejn il-partijiet, u li għalhekk il-proposta li tissemma' fiha kienet ġiet superata bil-ftehim.

13. Il-konvenut appellant jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti għamlet riferenza biss għal din l-ittra tas-26 ta' Awwissu 1998 u ma qisitx l-ittra ta'

[33] Fol 60

Simon Montanaro, datata 17 ta' April 2002[34], li fil-fatt saret **wara** li ġie redatt il-ftehim (adirittura wara li ġie tterminat il-ftehim). Din l-ittra li jsemmi l-konvenut, pero`, xejn ma tgħin it-teżi tiegħu li l-"*installation charges*" pretiżi ma kinux kollha dovuti. Din l-ittra fil-fatt tkompli tikkonferma kemm il-proposti pre-kontrattwali dwar l-"*installation charges*" baqgħu ma ġewx konklużi u għalhekk jiġi li l-"*installation charges*" huma dovuti fl-intier tagħhom fi ħlas.

> *"Melita requires that all equipment is immediately returned for inspection, as per meeting of the 1/4/02. Following this, Melita, on a without prejudice basis, might consider adjustments to the installation charge…………..Further to your query on Melita's communication dated 26th August 1998 this clearly refers to a proposal which according to Melita's records was not taken up. The agreement, dated 15th October 1998 and signed by both parties gives the correct amount for the installation charge and supersedes all prior communications."*

14. **Għalhekk l-ewwel aggavju tal-konvenut huwa infondat.**

It-tieni aggravju

15. Fir-rigward tas-"*set top converters*" li skont il-ftehim baqgħu dejjem proprjeta` tas-soċjeta` attriċi u li mat-terminazzjoni tal-ftehim l-istess soċjeta` kellha teħodhom lura, hemm misterju dwar x' ġara minnhom.

[34] Fol 45

16. Jirriżulta li meta ġie terminat il-ftehim f'Lulju 2001 kien hemm xi kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet, u allura meta s-soċjeta` attriċi kienet tibgħat lit-technicians tagħha l-lukanda biex jiġbru l-apparat, dawn ma tħallewx jiġbruhom, u fil-fatt l-istess "*converters"* anke għamlu xi żmien storjati fil-lukanda mingħajr ma jintużaw. Anthony Abdilla (accountant tal-lukanda) fil-fatt xehed li "*konna warrabnihom u qegħdnihom f'xi store fl-ambjenti tal-lukanda stess*".[35] Christopher Borg (bin il-konvenut John Borg) li kien jieħu ħsieb il-maintenance u l-istorijiet tal-lukanda ikkonferma li s-"*set top converters*" kienu "*ġo store, isfel."*[36]

17. Issa filwaqt li s-soċjeta` attriċi ssostni li l-"*set top converters*" baqgħu qatt ma nġabru, it-teżi tal-konvenut hija li 152 mill-156 *"set top converters"* fil-fatt inġabru mill-impjegati tagħha xi sentejn wara li ġie tterminat il-ftehim, u cioe`għall-ħabta ta' Marzu/April 2003.

18. Christopher Borg xehed li kienu jċemplu impjegati tas-soċjeta` attriċi u jkellmu lilu fir-rigward tal-apparat. Qal li hu kien jistaqsi lil Anthony Abdilla u dan "*kien jgħidli biex ma nagħtuhomlhomx għalissa għaliex hemm kwistjoni*…." Qal li għadda iktar żmien u kien ried jisbarazza isfel u kien reġa' kellem lil Anthony Abdilla u saqsieh x' kienu ser jagħmlu bl-apparat li kien maħżun hemm, u Abdilla, f'dak l-istadju

[35] Xiehda ta' **Anthony Abdilla**, 04.11.2004, fol 76 et seq
[36] Xiehda ta' **Christopher Borg**, 18.01.2006, fol 121 et seq

kien qallu biex iċempel lil tal-Melita ħalli jiġu għalihom. Qal li għalhekk huwa ċempel lill-Melita, fil-fatt qal li "*ċempilt ħafna drabi u imbagħad wara xi xahar, kont ser insiefer niftakar, kien fil-għodu u ġew tnejn*."

19. Huwa fil-fatt jagħti rendikont pjuttost dettaljat taċ-ċirkostanzi tal-ġbir tal-apparat. Xehed li kienu ġew żewġ rappreżentanti tal-Melita li huwa qatt ma kien ra qabel. Qal li kienu libsin flokk blu u kienu ġew b'vann tal-Melita tad-ditta Transit. Mistoqsji jekk talabhomx isimhom irrisponda fin-negattiv. Pero` enfasizza li kieku ma rax il-vann u ra li kienu bl-uniformi tal-Melita, ma kienx ser jagħtihom l-apparat. Spjega li l-"*converters*" kienu storjati fuq *pallets* tal-injam u li hu kien qabad *palletiser*, ħarġu sal-bieb u l-impjegati tellgħuh. Mistoqsi jekk ħadux dettalji tal-"*converters*" li ġabru qal "*Xejn, ma ħadux...*" pero` qal li għoddewhom minn fuq il-*pallets* stess għaliex kienu stivati ħamsa ħamsa, fuq xulxin. Mistoqsi jekk min-naħa tagħhom tawhx xi ħaġa, qal li talbuh il-firma tiegħu fuq dokument, li tiegħu ħallewlu kopja. (Dan huwa Dok X, a fol 56)

20. <u>Anthony Abdilla</u> da parti tiegħu xehed li f'April 2002, u cioe ftit inqas minn sena minn meta kien ġie tterminat il-ftehim, kienet saret laqgħa ma' ċertu David Wallbank, Simon Montanaro u ċertu Grech Marguerat bil-għan li jissolvew il-pendenzi li kien għad fadal bejn is-

soċjeta` attriċi u l-lukanda. Qal li għalkemm kien intlaħaq ftehim fil-laqgħa, xi ħmistax-il jum wara kien irċieva ittra (jidher li qed jirreferi għal dik tas-17 ta' April 2002) li kienet tibdel dak li kienu ftehmu dwaru. Kompla jgħid minkejja li baqa' ma ntlaħaqx ftehim, xi sena wara, għall-ħabta ta' April 2003 kienu ġew ritornati l-"*converters*" minħabba l-ispazju li kienu qed jokkupaw fl-istore. Huwa qal li fil-fatt kien f'Lulju 2003 li sar jaf li l-"*converters"* kienu fil-fatt ġew ritornati f'April 2003 peress li dak iż-żmien kien għaddej minn żmien fejn kellu bżonn il-kura medika. Qal li dak iż-żmien il-lukanda kienet irċeviet xi mandat min-naħa tas-soċjeta` attriċi u għalhekk kien ġie ikkuntattjat b'dan u ġie mgħarraf li l-"*converters*" kienu fil-fatt diġa inġabru.

21. Din il-qorti ma tifhimx kif l-ewwel qorti dehrilha li hemm "*l-akbar kontradizzjoni"* bejn ix-xiehda ta' Christopher Borg u dik ta' Anthony Abdilla. Forsi sfuġġitilha dik il-parti tax-xiehda ta' Anthony Abdilla fejn qal li kien taħt kura medika u li għalhekk sar jaf li l-"*converters*" kienu inġabru xhur wara li fil-fatt kienu inġabru.

22. Kif ingħad, id-dokument li jagħmel riferenza għaliha Christopher Borg huwa **Dok X** (fol 56). Dan huwa karta safra, *ossia* kopja oriġinali (*duplicate*, li kienet taħt karta oħra karbonizzata). Jiġi osservat li dan id-dokument, li fil-fatt huwa stationery oriġinali tas-soċjeta` attriċi, u bil-logo tas-soċjeta` attriċi, huwa intitolat "*Work order/Contract for*

*cable tv"*. Id-dokument huwa bla data, u fuqu hemm miktub *a mano* is-segwenti dettalji:

**Account No**: 102226 (li huwa n-numru tal-kont li kellha l-lukanda)
**Name/Address**: Karanne Hotel, Triq il-Kaħli, Buġibba
**Comments**: 152 Converters + 96 Remotes Returned
**Customer Signature**/**ID Number**: (firma u numru tal-identita` ta' Christopher Borg, skont ma kkonferma l-istess Borg fix-xiehda tiegħu)

23. Ix-xhieda prodotti mis-soċjeta` attriċi qalu li dan id-dokument (Dok X) ma kienx redatt kif normalment isir skont il-policy tas-soċjeta` attriċi meta technician jiġbor xi apparat. Ġie enfasizzat li fuq id-dokument għandu jkun hemm id-data, in-numru tat-technician (*employee number*), il-firma tat-technician, id-deskrizzjoni ta' kull apparat li inġabar (cioe` bin-numru tas-serje tiegħu). Ġie enfasizzat ukoll li l-elenkar tan-numri tas-serje tal-apparat li jkun ser jinġabar ikun sar u ipprintjat bil-computer minn qabel ma jmur it-technician fuq il-post biex jiġbor l-apparat, dan biex l-apparat miġbur mingħand l-abbonat ikun identifikat u s-soċjeta` attriċi ikollha records tal-apparat li fil-fatt ġie ritornat mill-abbonat. Stephen Busuttil[37] (li huwa network auditor u jieħu wkoll ħsieb l-investigazzjonijiet ta' *cable theft* u *convertors*) fix-xiehda tieħu qal li "*jista' jkun li impjegat kien traskurat pero` bħala policy tal-kumpanija hija illi noħorġu kopja tad-decoders biex ikun*

[37] Xiehda ta' **Stephen Busuttil**, 09.03.2005, fol 98 et seq

*hemm track record tal-converters tagħhna*". Kompla jgħid li pero` jeskludi li impjegat seta' kien traskurat f'każ bħal dan li kien jinvolvi l-ġbir ta' numru ta' "*converters*" minn lukanda.

24. Din il-qorti tosserva li minkejja li x-xiehda tas-soċjeta` attriċi qalu li Dok X fih diversi dettallji essenzjali nieqsa, ħadd minnhom ma spjega kif tali dokument ġie spiċċa f'idejn il-konvenut appellant. Kif jargumenta l-konvenut appellant din il-works order "*ma waqgħetx mis-sema*". La jirriżulta li ġie rapurtat serq ta' stationery, u lanqas ma ġie allegat li d-dokument huwa falz. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, din il-qorti ma tarax għaliex dan id-dokument ġie skartat mill-ewwel qorti. Fil-fehma ta' din il-qorti, ladarba hemm il-logo tas-soċjeta` attriċi fuqu u hemm imniżżel li inġabru 152 "*converters*", u ladarba Christopher Borg ikkonferma li dan kien id-dokument li tawh dawk in-nies li ġew b'vann tal-Melita u b'uniformi tal-Melita biex jiġbru l-konverters, mela allura l-ewwel qorti kellha tqisu bħala riċevuta. Mhux il-kompitu ta' din il-qorti li tara jekk l-impjegati kinux negliġenti, jew adirittura dolużi. Għalkemm skont ix-xiehda tas-soċjeta` attriċi tali "*converters*" effettivament qatt ma waslu għand is-soċjeta` attriċi, din il-qorti hija moralment konvinta li dawn inġabru mill-lukanda da parti ta' nies li identifikaw rwieħhom bħala impjegati tas-soċjeta` attriċi, u Christopher Borg ma kellux raġuni għaliex ma jemminhomx ladarba ġew bil-vann tas-soċjeta` attriċi u kienu bl-uniformi tas-soċjeta`

attriċi. Fiċ-ċirkostanzi, Dok X li huwa miktub fuq stationary oriġinali tas-soċjeta` attriċi, u bil-logo tagħha, ma jistax ma jitqiesx bħala riċevuta. X' seta' ġara mill-"*converters*" hija storja oħra u din il-qorti mhix ser tidħol fiha.

25. Issa skont il-ftehim tal-15 ta' Ottubru 1998 (u senjatament Schedule A) kellhom jiġu installati 158 "*set top converters"*. Madanakollu ġew installati 156[38] u mhux 158 u għalhekk is-soċjeta` qegħda titlob il-valur fuq 156 "*set top converters*". Fl-ittra tagħha tal-20 ta' Ġunju 2003[39] mibgħuta lill-lukanda Karanne Hotel, talbitha tħallas l-ammont ta' Lm13,988.52 rappreżentanti l-valur ta' 156 "*set top converters*" bil-valur ta' Lm89.67 il-wieħed. Fil-kawża odjerna qed titlob l-istess ammont fir-rigward ta' 156 "*set top converters*". Issa ladarba kif spjegat, din il-qorti hija sodisfatta li l-lukanda irritornat 152 minnhom, u li fil-fatt hemm riċevuta maħruġa mis-soċjeta` attriċi f'dan ir-rigward (Dok X), jiġi li l-lukanda jonqosha tħallas biss il-valur ta' erbgħa minnhom.

26. **In vista ta' dan kollu l-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-konvenut appellant huwa fondat.**

27. Issa l-konvenut fl-appell tiegħu jilmenta bil-fatt li l-qorti naqset

[38] **Marius McKeon** (financial controller) mas-soċjeta` attriċi xehed li fil-fatt ġew installati 156 converters. (affidavit ta fol 52)

[39] Dok C, fol 12

tikkunsidra l-fatt li huwa kien laħaq ħallas Lm2,000 bħala depożitu fuq il-"*converters*" ai termini tal-"*Converter Deposit Plan*." Fil-fatt skont il-ftehim tal-15 ta' Ottubru 1998, ġie miftiehem illi:

> "*Converter refundable deposit on 158 converters at Lm37 each – Lm5,846, shall be paid by the client to Melita Cable* ***in 5 equal annual payments of Lm1,169 each***[40]*. Melita Cable shall refund this deposit to the client as follows:*
>
> *(1) At the end of the five year contract the full amount of deposit shall be refunded immediately unless the contract is renewed for a further period of five years, in which case the refund shall be effected by means of 5 equal annual payments of Lm1,169.*
>
> *(2) At the sooner determination or termination of the contract as provided for in paragraph 7.1, following increases in rate by Melita Cable. In such a case Melita Cable shall immediately refund the full deposit."*

28. Kif tosserva s-soċjeta` attriċi fir-risposta tal-appell tagħha din il-kwistjoni dwar id-depożitu qatt ma tqajmet mill-konvenut, la fl-eċċezzjonijiet (jew fis-sottomissjonijet), u wisq anqas permezz ta' kontro-talba. Madanakollu li kieku irriżulta mill-provi li fil-fatt sar ħlas ta' tali depożitu din il-qorti ma tarax għaliex fir-rigward tal-erba' "*converters*" li baqgħu ma ġewx ritornati ma tistax issir tpaċija. Mill-*istatement* Dok A, pero` ma hemm l-ebda indikazzjoni li fis-sentejn u nofs li dam in vigore l-kuntratt il-lukanda għamlet il-pagamenti annwali ta' Lm1,169 (jew ta' Lm1,154 stante li ġew installati 156 u mhux 158 "*converters*") in lineja ta' depożitu fuq l-apparat skont kif miftiehem f'Schedule A tal-ftehim. Skont l-imsemmi statement, L-

[40] enfasi ta' din il-qorti

Lm2000 li fil-fatt tħallsu fl-14 ta' Diċembru 2000 kienu akkont tal-kont pendenti li l-lukanda kellha mas-soċjeta` attriċi.

29. **Isegwi għalhekk li t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-konvenut appellant huwa infondat.**

<u>It-tielet aggravju</u>

30. Finalment il-konvenut appellant isostni li l-valur ta' kull "set top converter" huwa eċċessiv (kif eċċepixa fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu). <u>Marius McKeon</u> (financial controller tas-soċjeta` attriċi) fl-affidavit tiegħu (fol 52) xehed li

> *"…kull rata tal-Melita Cable hija approvata mill-Malta Communications Authority (MCA) u dan skont il-liċenzja tagħna. Iċ-charge oriġinali applikabbli mill-Melita Cable f'każ ta' converter mhux ritornat jew imkisser kien ta' Lm75.00. Sussegwentement dan iċ-charge ġie rivedut, flimkien mar-rati kollha l-oħra tal-kumpanija, bl-introduzzjoni tal-VAT, imbagħad bis-CET, u bir-reintroduzzjoni tal-VAT u dan dejjem bl-approvazzjoni tal-MCA u l-Office for Fair Competition kif aħjar spjegat fid-dokument anness u mmarkat MM1".*

31. L-imsemmi dokument MM1 li jindika "*<u>Melita Cable plc – Cable TV Tariff History"</u>* fil-fatt juri kif ċ-charge fuq il-converters tela' u niżel tul iż-żmien:

03.06.1991 (ex VAT) - Lm75
01.05.1995 (cum VAT) - Lm86.25
01.07.1997 (CET) - Lm82.80

01.01.1999 (ex VAT) - Lm77.97
01.01.1999 (cum VAT - Lm89.67

32. Jidher għalhekk li l-ammont ta' Lm89.67 pretiż mis-soċjeta` attriċi għal kull converter huwa korrett.

33. **Isegwi għalhekk li t-tielet aggravju tal-konvenut appellant huwa infondat.**

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tal-konvenut limitatament u konsegwentement sejra tvarja s-sentenza appellata kif ġej:

(i) tikkonfermaha fejn l-ewwel qorti laqgħet l-ewwel talba tas-soċjeta` attriċi u ordnat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tmint elef disa' mitt Euro u erba' u tmenin (**€8,918.84**) (Lm3,828.68);

(ii) tħassarha fejn l-ewwel qorti laqgħet it-tieni talba u kkundannat lill-konvenut biex fi żmien 15-il ġurnata jikkonsenja f'kondizzjoni tajba lis-soċjeta` attriċi 156 "*set top converters*" li huma elenkati fid-dokument immarkat Dok C (fol 12-15 tal-proċess) u invece din il-qorti tikkundannah jirritorna biss l-erba' (4) "*set top converters*" li ma ġewx

ritornati mal-152 l-oħra dakinhar li ġabruhom l-impjegati tas-soċjeta` attriċi (kif jirriżulta mid-Dok X), u tikkonfermaha in kwantu l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi mitejn u tmien euro u sebgħa u tmenin centeżmu (**€208.87**) (Lm89.67) għal kull wieħed "*set top converter*" li jonqos jikkonsenja lis-soċjeta` attriċi.

Bl-imgħaxijiet legali dekorribbli fuq l-ammonti dovuti mid-data tan-notifika tal-ittri uffiċjali datati 29 ta' Awwissu 2001 u 11 ta' Lulju 2003 rispettivament, kif ordnat l-ewwel qorti.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu nofs mis-soċjeta` attriċi u nofs l-iehor mill-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df